TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Loredana Paris

vs

Charmaine Tabone

CCT 9/17/MS

12 ta' Gunju 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz prezentat mill-attrici fil-11 ta' Jannar 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €495.00, prezz ta' geru tar-razza Yorkshire Terrier u accessorji ghall-klieb li xtrat minghand il-konvenuta, liema geru miet ftit granet wara li gie konsenjat, allegatment konsegwenza tal-virus Parvo.

Ra illi minkejja li l-intimata kienet notifikata ma dahlet l-ebda risposta fi zmien utli.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f'Settembru 2016, l-attrici u r-ragel taghha iddecidew li jixtru puppy tar-razza Yorkshire Terrier minghand il-konvenuta. Wara li sar l-ewwel kuntatt u l-attrici rat xi ritratti, hallset depozitu ta' mitejn Euro lill-konvenuta. Dan sabiex taccerta ruhha illi tkun tista' taghzel wiehed miz-zewgt igriewi li kellha u jinzamm ghaliha. Baqghu f'kuntatt kif jidher mid-diversi messagi li gew skambjati bejniethom. Il-partijiet tkellmu bejniethom permezz ta' telefonata li saret fid-19 ta' Ottubru 2016 fejn il-konvenuta qalet lill-attrici li l-Vet kien spezzjona l-griewi u kienu kollox sew. L-intimata pero qaltilha li wiehed minnhom kien faqmi u li kien ikun ahjar ghall-attrici li tiehu l-iehor. L-attrici qaghdet fuq il-parir tal-intimata u meta marret biex tigbor il-geru l-intimata gabitilha wiehed. Il-geru l-iehor qatt ma ntwera lill-attrici. Dana jmur kontra messagg illi l-istess intimata baghtet lill-attrici fejn qalet illi setghet taghzel mit-tnejn li kellha (ara Dok B - l-ahhar messagg). L-attrici giet moghti certifikat (Dok.C datat 18 ta' Ottubru 2016, iffirmat minn Dr. Alex Schiro) fejn gie iddikjarat illi l-kelb jinsab fi stat ta' sahha tajjeb. Ta min jinnota illi dan ic-certifikat ma fihx isem izda biss ir-razza Yorkshire Terrier. Minkejja l-konsenja il-geru ma kienx imlaqqam.

Illi l-attrici xtrat accessorji bhal brush, dog feeder tal-ikel u cushion. Mal-konsenja hallset il-kumplament ta' mitejn u hamsin Euro. Ftit granet (tlett ijiem) wara li l-geru kien ghand l-attrici dan beda jiremetti, jaghmel imsarnu u anke kellu d-demm fil-hmieg (feces) tieghu. Il-vet rat il-geru fil-25 ta' Ottubru 2016. Tatu injection, pero l-istat tal-geru iggrava u spicca bid-drip. Il-geru kompla jiggrava sakemm miet fis-27 ta' Ottubru 2016 (sitt ijiem wara li gie kkonsenjat lilha).

Illi wara li l-attrici kkonsultat ruhha mal-Vet u hadet anke parir ta' vet iehor (Duncan Chetcuti Ganado) irrizulta li l-geru miet konsegwenza ta' virus tat-tip Parvo li ghandu incubation period ta' bejn tlieta u sebat ijiem. (Dok F). Dan ifisser kwindi illi l-geru seta' kien kontaminat qabel il-konsenja l-iktar kmieni l-14 jew il-15 ta' Ottubru u l-aktar tard 21 ta' Ottubru. F'dan il-perjodu kien ghadu ghand il-konvenuta, li ma haditx il-prekawzzjonijiet li tlaqqam il-geru.

Ikkunsidra

Illi it-timeline fuq indikat huwa indikattiv li l-geru x'aktarx gie kontaminat meta kienet ghadu fil-pusses tal-konvenuta. It-Tribunal isib li ghandu jiccensura lill-intimata ghal diversi ragunijiet. Wahda illi ma tat l-ebda ghazla lill-attrici nonostante li kienet qaltilha li setghet taghmel ghazla. It-tieni kienet l-istess intimata li rrakomandat dak il-geru partikolari lill-attrici wara illi tatha x'tifhem illi l-geru l-iehor kellu xi diffett ghax kien faqmi. Dan pero' l-attrici qatt ma ratu ghax strahet kompletament fuq il-parir tal-intimata. It-tielet ill l-geru ma kienx imlaqqam (ara x-xhieda Tracy Paris seduta 6 ta' Marzu 2017, li kellmet il-vet Dr. Schiro li suppost ezamina il-griewi) qabel gie konsenjat lill-attrici u r-raba illi c-certifikat moghti lill-attrici jirreferi biss ghal Yorkshire Terrier b'mod generiku minghajr l-ebda prova li huwa jirrifletti dak il-geru partikolari.

It-Tribunal jidhirlu illi stante illi l-attrici kienet hallset ammont sostanzjali ghal dan il-geru u anke depozitu minn qabel, l-intimata kienet verament dilettanteska fl-agir taghha f'dan it-trasferiment. Veru li l-attrici forsi missha insistiet illi tara iz-zewgt igriewi, pero' it-Tribunal iqis ukoll illi l-attrici ma kellhiex l-esperjenza necessarja u qaghdet kompletament fuq il-parir tal-intimata. Ma kien hemm l-ebda impediment ghall-intimata li turiha iz-zewgt igriewi (kif wara kollox kien l-intendiment) meta dawn suppost kienu t-tnejn fil-pussess taghha. Dan igieghel it-Tribunal jahseb li l-intimata kienet in mala fede.

Ghalkemm l-intimata issugeriet illi l-geru jigi ezaminat forensikament wara l-mewt biex jigi stabbilit l-esiztenza tal-virus, dan ma kienx vijabbli peress illi skond il-veterinarji Dr. Duncan Chetcuti Ganado kif ukoll Dr. Kovac, stqarrew illi l-virus imut mal-mewt tal-kelb. Di piu' meta jsir test bhal dan, ir-rizultat jista' jkun posittiv jew negattiv. Test posittiv ifisser illi l-kelb ikun iltaqa' mal-mikrobu koncernat filwaqt li test negattiv mhux necessarjment iffiser illi l-kelb ma ltaqax mal-mikrobu izda jista' jfisser li t-test ma gharafx il-mikrobu. (false negative).

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-attrici ippruvat il-kaz taghha fi grad li trid il-ligi illi probabbilment il-geru kien affetwat bil-virus Parvo meta kien ghadu fil-pussess tal-intimata. It-tribunal ma jsib l-ebda raguni il-ghala m'ghandux joqghod fuq ix-xhieda tar-rikorrenti u x-xhud minnha prodotta, aktar u aktar meta l-intimata ma ndenjatax ruhha tipprezenta risposta ghat-talba attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi illi jilqa' t-talba tal-attrici u jikundanna lill-iintimata li thallas lill-attrici is-somma ta' €495.00. Bl-ispejjes kontra l-intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**